# KOPERTURA GĦAL GĦAJNUNA FIT-TRIQ

Sezzjoni XII tal-polza tal-vetturi privati tkoprik għal għajnuna fit-triq f'Malta u Għawdex. L-għajnuna tingħata mill-kuntratturi tagħna *Mile-End Service Ltd.* Nitolbuk taqra bir-reqqa dawn it-termini u kundizzjonijiet li japplikaw speċifikament għal din il-koprertura.

## Definizzjonijiet

| | |
|---|---|
| Aħna/tagħna | GasanMamo Insurance Ltd |
| Kuntratturi/MET | MET Road Assistance, Mile-End Service Ltd |
| Int/tiegħek | Il-persuna fuq min ħarġet il-polza u kull sewwieq awtorizzat minnek u kopert mill-polza |
| Il-vettura | Il-vettura assikurata taħt il-polza li hi l-propjeta' tal-persuna fuq min ħarġet il-polza |
| Vettura wieqfa | Meta l-vettura ma tkunx tista' tinstaq |

## Termini u kundizzjonijiet ġenerali

a) Il-vettura trid tinżamm f'kull ħin f'kundizzjoni tajba għat-triq

b) L-għajnuna fit-triq tingħata biss meta l-vettura ma tkunx tista tinstaq minħabba xi diffett mekkaniku jew difett fis-sistema elettrika, jew bħala riżultat ta' nċident tat-traffiku.

c) L-għajnuna tingħata biss f'Malta jew f'Għawdex. Xi kundizzjonijiet speċjali japplikaw għall-vjaġġi bejn Malta u Għawdex.

d) Is-servizz huwa limitat għal-tiswija fuq il-post, fejn dan hu possibli, tal-vettura wieqfa b'tali mod li tkun tista tinstaq, jew inkella għall-irmonk tagħħa lejn indirizz li tagħżel int f'Malta jew f'Għawdex.

e) Is-servizz jingħata biss fil-presenza tiegħek biex ikun aċċertat li l-vettura tkun protetta sew. Wara li tkun tlabt l-assistenza minngħand l-MET, int mitlub li tibqa ħdejn il-vettura sakemm tasal l-vettura tal-MET fuq il-post. Tista wkoll tiftihem mar-rapprezentat tal-MET fuq it-telefon biex tmur tiltaqa mal-vettura tal-MET f'xi post partikolari.

f) L-MET jagħmlu minn kollox biex jaslu fuq il-post fl-anqas ħin possibbli. Jista jkun hemm dewmien jekk jinqalgħu ċirkostanzi li jikkawżaw domanda mhux normali għas-servizz ta' l-għajnuna, bħal meta jinqala maltemp jew għarar.

g) Jekk ma tkux tista turi l-kard li tkun ingħatatlek meta ħarġet il-polza ("Roadside Assistance Card"), l-MET għandhom d-dritt li jitlobu ħlas għas-servizz li jagħtu li

jrid isir qabel ikun jista' jingħata s-servizz. F'dan il-każ tingħata rċevuta, u jekk wara jiġi stabbilit li int kont kopert mil-polza għas-servizz, il-ħlas li tkun għamilt jiġi rifondut lilek.

h) Persuna waħda biss hija permessa li tirkeb fil-vettura tal-MET li tkun qed tirmonka l-vettura wieqfa. Din il-persuna tista titlob li titwaqqaf fl-aktar "Bus Stop" viċin. Jekk is-servizz jingħata bil-lejl, il-persuna titwassal sar-residenza tagħha f'Malta jew Għawdex.

## Servizz għat-tibdil tal-batterija

a) Jekk l-MET jiddeċidu li hemm bżonn li tinbidel il-batterija tal-vettura, inti għandek l-għażla li dan isir fuq il-post, sakemm l-MET jkollhom batterija tat-tip li hemm bżonn fl-istokk tagħhom. Int tingħata stima tal-prezz tal-batterija u l-ħlas irid isir qabel tkun tista tinbidel il-batterija.
b) Int intotlat li wara li tinbidel l-batterija fuq il-post, titlob li tiġi ċċekjata is-sistema elettrika tal-vettura fil-garaxx tal-MET. Dan isir bla ħlas addizzjonali.
c) L-MET għandhom dritt li jitolbu ħlas ta' €14 mat-tielet sejħa għal għajnuna li inti tagħmel li tkun kkawżata minn batterija li waqgħet. Il-ħlas irid isir qabel is-servizz ikun jista' jingħata.

## Meta tispiċċa mingħajr fuel

Jekk il-vettura tispiċċa mingħajr fuel, l-MET ifornuk b'ammont ta' fuel ta' valur ta' €5. Dan l-ammont jiġi mwassal sal-vettura wieqfa bla ħlas għal darba biss. Jekk titlob dan is-servizz għal aktar minn darba l-MET jistgħu jitolbu ħlas ta' €14 biex jipprovdu dan is-servizz, li jkun irid isir qabel tiġi fornut bil-fuel.

## Għajnuna biex ikollok aċċess għall-vettura tiegħek

Jekk bi żball:

- issakkar ġewwa l-vettura ċ-ċwievet tagħha, tkun intitolat biex tirċevi għajnuna mingħand l-MET biex tinfetaħ il-vettura
- Titlef iċ-ċwievet tal-vettura, l-MET jirmonkaw l-vettura għall-post magħżul minnek f'Malta jew Għawdex.

Dan is-servizz jingħata bla-ħlas għal darba biss. Jekk titlob dan is-servizz għal aktar minn darba l-MET jistgħu jitolbu ħlas ta' €14, li jrid isir qabel jingħata s-servizz.

## Servizzi relatati mat-tyres

a) L-MET jbiddlulek r-rota jew it-tajer jekk inti jkollok rota jew tajer ta' riserva ("spare wheel") li tista tintuża fil-vettura wieqfa. Jekk ma jkollokx rota/tajer, jew ma jkollokx "jack" jew l-għodda neċessarji, l-MET jistgħu jitolbuk ħlas ta' €14.
b) Jekk ikun hemm problema f'aktar minn rota waħda jew tajer wieħed, il-vettura tiġi rmunkata għall-post ta' l-għażla tiegħek. Is-servizz ipprovdut mill-MET ma jinkludix l-ispejjeż relatati mat-tiswija ta' xi rota jew tat-tajer biex dan jew din tkun tista terġa tintuża, jew spejjeż ta' xi aċċessorji relatati.

## X'ma tipprovdix din il-kopertura

a) Jekk wara t-tieni talba minnek għal għajnuna, l-MET jistabilixxu li l-waqfien tal-vettura qed ikun jiġi kkawżata mill-istess problema elettrika jew mekkanika, huma jistgħu jitolbu ħlas ta' €14, meta ssir t-tielet talba jew aktar u jinstab li l-kawża tal-waqfien tkun għada l-istess waħda.
b) Aħna nistgħu ntemmu din il-kopertura fi kwalunkwe żmien u b'effett immedjat, billi navżawk bil-kelma, permezz ta' e-mail jew ta' SMS, u wara nibgħatulek ittra fl-aħħar indirizz reġistrat magħna minnek, fejn nikkonfermaw dan.
c) L-MET għandhom l-għażla li ma jipprovdulekx is-servizz jekk iħossu li t-triq li l-vettura tinstab fuqha tkun mħarbta jew mhux asfaltata, jew jekk iħossu li hemm periklu jew r-riskju ta' ħsara għall-vettura tagħhom biex jilħqu l-vettura tiegħek.
d) Jekk fl-opinjoni tal-MET biex tissewwa jew tintlaħaq l-vettura jkun hemm bżonn
   i) li jintużaw proċeduri mhux normali
   ii) aktar xogħol minn-normal
   iii) l-użu ta'apparat jew tagħrif speċjallizat

   jew jekk l-aċċess għall-vettura huwa limitiat minħabba li triq hija mħarbta jew minħabba xi fattur ieħor,  l-MET għandhom dritt jitolbu ħlas qabel jipprovdu s-servizz.
e) Is-servizz ma jingħatax meta l-vettura tiegħek tinħtieġ tiġi rmunkata minn post għall-ieħor:
   i) waqt li din tkun fil-proċess ta' tiswija jew tkun qegħda tieħu "service"
   ii) biex tiġi skreppjata
   iii) sempliċiment biex jinbidel il-post fejn tinstab miżmuma.
f) Minħabba raġunijiet ta' sigurezza l-MET ma jagħmlux tiswijiet temporanji fuq is-sistema ta' "steering" jew dik ta' "braking", jew fuq kompenenti tal-vettura li għandhom x'jaqsmu mas-sigurta'.  Jekk ikun hemm ħsara ta' dan it-tip il-vettura tiġi rmunkata.
g) Dan is-servizz ma jingħatax jekk il-vettura tkun tiżen ("gross vehicle weight") aktar minn 3499kg
h) Jekk ikun hemm xi jġiegħel lil MET jaħsbu li l-vettura kienet involuta f'xi attivita' illegali jew li qed tiġi nvestigata mill-pulizija, jistgħu jirrifjutaw li jagħtu s-servizz.
i) Is-servizz jingħata biss in relazjoni mall-vettura tiegħek, u ma jkoprix trejlers jew karavans.
j) Jekk l-MET jissuġerixxu li tinbidel xi parti mill-vettura biex hija tkun tista terġa tinstaq, huma jagħtuk stima tal-prezz ta' din il-parti u inti jkollok l-għażla li jew tħallas dan il-prezz u tinbidel il-parti, jew titlob li l-vettura tiġi rmunkata.
k) L-MET għandhom id-dritt li jirrifjutaw li jagħtu s-servizz jekk iħossu li l-vettura tagħhom jew li n-nies tagħhom ser ikunu esposti għal xi periklu.
l) L-MET ma jkunux responsabbli għal xi ħsara li tista ssir lil "spoilers" li jkunu baxxi, waqt li l-vettura tkun qed tiġi rmunkata.

## Trasport bejn Malta u Għawdex

Jekk il-vettura tiegħek hija normalment ibbażata f'Malta u l-għajnuna tintalab meta hija tkun qegħda Għawdex, jew inkella viċi versa:

i) L-ispejjeż tal-biljetti biex l-MET jibagħtu vettura permezz tal-vapur t'Għawdex ħalli jipprovdulek l-għajnuna, iridu jitħallsu minnek
ii) Huwa meħtieġ li l-vettura tkun akkumpanjata minnek jew minn sewwieq awtorizzat jekk il-kumpanija Gozo Channel taċċetta li l-

vettura tinġarr mill-vapur mingħajr il-ħtieġa li jkun hemm preżenti wkoll l-vettura tal-irmonk tal-MET. Jekk dan il-permess ma jingħatax mill-Gozo Channel inti tkun mitlub tħallas it-tariffa addizzjonali relatata mall-ġarr tal-vettura tal-MET li llum tammonta għal €25.

iii) Il-vettura tal-MET toqgħod fil-kju tal-vapur t'Għawdex biss jekk tkun ser titla fuq il-vapur li jkun imiss jitlaq.

## Ilmenti

Il-kuntratturi tagħna, l-MET, huma kommessi li joffru servizz ta' livell għoli kif mitlub minn GasanMamo Insurance Ltd. Jekk inti tħoss li fallew f'dan nitolbuk li, bħala l-ewwel pass, tressaq l-ilment tiegħek magħhom. Jekk inti tibqa mhux sodisfatt bir-rispons jew rimedju li tirċevi, ibgħat l-ilment tiegħek lilna bil-miktub, u nkludi kopja tal-korrispondenza kollha li kellek magħhom. Ftakar li kull korrispendenza li ssir bejnek u bejna tista tiġi kkupjata jew murija lill-MET.

DEJJEM ŻOMM FIL-VETTURA TIEGĦEK IR-"ROADSIDE ASSISTANCE CARD" MAĦRUĠA MINNA. JEKK TIĠI MITLUB TAGĦMEL XI ĦLAS ARA LI TINĦARIĠLEK IRĊEVUTA.

*Assikuratur:*
GasanMamo Insurance Ltd
Head Office
Msida Road
Gzira

*Kuntrattur:*
MET Road Assistance
Mile-End Service Ltd
Bone Street,
Mriehel